**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' April, 2016**

**Citazzjoni Nru: 312/2004 AF**

**Grace Debattista mart Anthony, Lorenza Bartolo armla ta' John Mary, Tereza Frendo mart Anthony Frendo**

**vs**

**Maria Lia mart Joseph u Spiridione, Kevin, Mariella, Simon u Mary Grace mart ahwa Lia**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Grace Debattista mart Anthony, Lorenza Bartolo armla ta' John Mary, Tereza Frendo mart Anthony Frendo li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Il-kontendenti huma lkoll ulied ta' Angelo Buttigieg u martu Carmela Buttigieg nee' Scicluna li mietu rispettivament fil-25 ta' Settembru 1985 u fit-28 ta' Novembru, 2001, u hallew bhala testmenti taghhom dak maghmul unica charta fil-5 ta' Gunju, 1985 atti Nutar Dr. Carmelo Lia u sussegwentament Carmela Buttigieg bhala armla ghamlet testament wahidha tat-23 ta' Gunju, 2001.

Spiridione, Kevin, Mariella, Simon u Mary Grace ahwa Lia huma beneficjarji ta' prelegat bit-tieni artiklu tat-testment ta' Angelo Buttigieg kwantu n-nuda propjeta' spettanti lilu u lit-testatur.

Il-partijiet stante l-uzufrutt tal-omm ipposponew kull divizjoni tal-assi ereditarji tal-assi tal-missier.

Sussegwenti ghal mewt tal-omm, l-atturi rrinunzjaw ghall-wirt taghha skond it-testment u ghazlu li jiehdu biss il-legittima mill-wirt tal-omm.

Ghalhekk hija mehtiega d-divizjoni tal-assi ereditarji tal-mejjet Angelo Buttigieg u li tigi stabbilita l-legittima spettanti lill-atturi fuq il-wirt ta' ommhom Carmela Buttigieg.

Il-konvenuta nterpellata diversi drabi halli tersaq ghad-divizjoni u halli taghti l-legittima dovuta fuq il-wirt ta' Carmela Buttigieg stante li hija tibqa' l-unika eredi baqghet ma ghamlitx dan u ghalhekk saret mehtiega din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tillikwida l-eredità ta' Angelo Buttigieg u taqsamha f'erba' kwoti ugwali u tassenja kull kwota hekk diviza lil kull wahda mill-kontendenti.

2. Tillikwida l-legittima dovuta lill-atturi mill-eredità ta' Carmela Buttigieg u tassenja l-istess legittima lil kull wahda mill-atturi.

3. Tinnomina nutar biex jircievi l-att opportun stante illi si tratta ta' beni immobbli u bin-nomina ta' perit arkitett ghal finijiet ta' divizjoni stante li hemm immobbli in divizjoni.

4. Illi jigu messi fil-pussess tal-legat spettanti lilhom il-konvenuti Spiridione, Kevin, Mariella, Simon u Mary ahwa Lia kif sottogett ghal uzufrutt ta' ommhom Carmela Buttigieg.

5. Illi fil-kaz li xi fond ma jkunx komodament divizibbli din l-Onorabbli Qorti tordna l-bejgh ta' l-istess in subbasta u dan bl-ammissjoni ta' iblaturi estranei ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi

   Bl-ispejjez kontra l-konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Maria Lia mart Joseph u Spiridione, Kevin, Mariella, Simon u Mary Grace ahwa Lia li in forza taghha gie eccepit illi:

Ghar-rigward ta' l-assi ereditarju ta' Angelo Buttigieg, ghandha ssir id-divizjoni opportuna a tenur tad-disposizzjonijiet testamentarji tieghu in atti n-Nutar Carmelo Lia tal-5 ta' Gunju, 1985.

Ghar-rigward ta' l-assi ereditarju ta' Carmela Buttigieg jinkombi lill-atturi li jgibu l-prova legalment rikjesta li tistabilixxi r-rinunzja da parti taghhom ghall-wirt ta' l-istess Carmela Buttigieg.

Minghajr pregudizzju ghall-premess u ghar-rigward tar-raba' talba attrici, jinghad li din ghandha tigi respinta billi l-eccipjenti Spiridione, Kevin, Mariella, Simon u Mary Grace ahwa Lia ma jistghux jitqiesu bhala legittimi kontradditturi f'din il-kawza, u ma jispettax lill-atturi li jitolbu li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-legat involut.

Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet xhieda viva voce.

Rat ir-relazzjoni tal-perit arkitett Mario Cassar minn din il-Qorti mahtur permezz ta' digriet tal-4 ta' Frar, 2010.

Rat l-atti kollha.

Semghet lid-difensuri jittrattaw il-kawza.

Ikkunsidrat illi:

Permezz ta' din il-kawza l-atturi, tlieta minn ulied Angelo Buttigieg, u martu Carmela Buttigieg qed jitolbu d-divizjoni tal-wirt ta' missierhom u l-legittima spettanti lilhom mill-wirt ta' ommhom wara li dawn kienu rrinunzjaw ghall-eredita' taghha. Qed jitolbu ukoll l-immissjoni fil-pussess tal-legat imholli lil ulied ohthom Maria Lia.

Jirrizulta illi l-genituri tal-atturi ghamlu testment unica charta fil-5 ta' Gunju, 1985, fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia, li permezz tieghu filwaqt li hallew lil xulxin l-uzufrutt tal-assi ereditarji kollha, taw ukoll lil xulxin il-fakoltà li s-superstiti fosthom ikun jista' jvarja t-testment minghajr ma jinkorri ebda penali preskritta mil-ligi. Huma hallew b'titolu ta' legat lit-tfal ta' binthom Mary Lia u cioé Spiridione, Kevin, Mariella, Simon u Mary Grace, in-nuda proprjetà tal-fond numru 84, Triq San Giuseppe, Sqaq Numru 2, Zabbar, filwaqt li hallew l-uzufrutt lil binthom Maria Lia, tal-istess fond tul hajjitha. Filwaqt li hallew b'titolu ta' legat lill-erba' uliedhom Grace Debattista, Tereza Frendo, Lorenza Bartolo u Mary Lia is-segwenti: (1) il-fondi numri tnejn u tmenin u tlieta u tmenin u r-razzett bl-ghalqa, kollox flimkien fi Sqaq numru tnejn, Triq San Giuseppe, Zabbar; (2) il-garage fi Triq Salvu Astarita, Zabbar, bla numru, bl-isem Spiru Garage; (3) id-dar bla numru bl-isem Lorna, Triq Salvu Astarita, Zabbar soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' hames liri u tletin centezmu, jew cens verjuri. Angelo Buttigieg miet fil-25 ta' Settembru, 1985.

Sussegwentement, Carmela Buttigieg ghamlet testment iehor fit-23 ta' Gunju, 2001, fl-atti tan-Nutar Sandro Schembri Adami. Filwaqt li hija rrevokat kwalunkwe testment precedenti taghha, hija nnominat bhala eredi lil erba' uliedha Mary Lia, Lorenza Bartolo, Gracie Debattista u Tereza Frendo. Halliet ukoll b'titolu ta' prelegat in pjena proprjetà, id-dar bl-isem "Lorna", Triq Salvu Asterita, Zabbar, b'dak kollu fiha 'a limine intus', kif ukoll il-garage fl-istess triq lil bintha Maria Lia. It-testatrici ddikjarat illi kienet taf li nofs din il-proprjetà biss kienet taghha u ghalhekk wriet ix-xewqa li l-eredi jhallu lill-

imsemmija Marija d-dritt ta' l-uzu u l-abitazzjoni ta' l-imsemmija dar u garage, bla ebda obbligu ta' hlas ta' kera. Carmela Buttigieg giet nieqsa fit-28 ta' Novembru, 2001.

L-atturi jsostnu li huma rrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom u pprezentaw id-Digriet relattiv li jgib referenza 701/2003 (ipprezentat bhala Dok. GG1 a fol. 53 tal-process) u ghaldaqstant qed jitolbu biss il-legittima spettanti lilhom. Fis-sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti jikkontendu li r-rinunzja maghmula permezz tal-procedura relattiva quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja ma tiswiex ghaliex meta saret l-atturi kienu diga ghamlu atti li jippressupponu accettazzjoni tal-wirt. Il-konvenuti jsemmu dan fil-kuntest li l-qasma kollha tad-deheb tal-omm bejn l-ahwa, kif ukoll l-accettazzjoni ta' sehemhom minn xi kera dovuta. Ghal dak li jirrigwarda d-deheb tal-omm ingiebu lill-Qorti provi mhux kontrastati illi Carmela Buttigieg kienet ghaddiet id-deheb taghha lil uliedha meta kienet ghadha hajja. Ix-xhieda ta' Lorenza Bartolo (fol 58) kif ukoll dik ta' Grace Debattista (fol 56) ma gewx kontradetti. Fir-rigward tal-post f'Haz-Zabbar li l-omm (flimkien ma hutha) kellha mikri, il-provi dwar l-accettatazzjoni tal-kera mill-wirt ta' Carmela Buttigieg huma konfliggenti. Fis-sens li filwaqt li originarjament l-ahwa Grace Debattista u Lorenza Bartolo originarjament jikkoncedu li tinqasam il-kera ta' Lm2.25 bejn l-erba' ahwa, sussegwentement, Grace Debattista tixhed illi:

> *"B'referenza ghall-kera ta' Lm2.25 li suppost inqasmu bejn erbgha, ghandi nghid illi dawn baqghet tehodhom ohti Maria. Nispjega illi Maria tiehu sehemha, u sehem it-tlieta l-ohra kien izzommhom iz-ziju u baqghu ghandu."*

Hawnhekk issir referenza ghal sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta tat-3 t'April, 2003, fl-ismijiet **Joseph Gauci et v. Jane Galea et,** fejn intqal is-segwenti:

> "... ***jekk il-werrieta ma jkollhomx pussess tal-hwejjeg tal-wirt u ma jaghmlux atto di eredità, huma jistghu, f'kull zmien jirrinunzjaw ghall-wirt.*** *Fil-fatt, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza, "Borg noe vs Camilleri et", deciza fit-2 ta' Novembru, 1995, qalet illi sakemm*

*werriet ma jaghmel ebda atto di eredità, jista' jirrinunzja, u jitqies bhal li kieku qatt ma kien werriet.*

*Issa, f'dan il-kaz, ma giex allegat li r-rikorrenti kellhom fil-pussess taghhom oggetti tal-wirt, izda qed jigi allegat illi huma ghamlu atto di eredità.*

*Kif inhu risaput, l-accettazzjoni tal-wirt tista' tkun espressa jew tacita. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Camilleri vs Aquilina et", deciza fit-13 ta' Ottubru, 1983, l-accettazzjoni tkun espressa meta l-wirt ikun accettat f'kuntratt pubbliku jew skrittura privata, u tkun tacita meta l-eredi jaghmel att li necessarjament timplika r-rieda tieghu li jaccetta l-wirt, u li ma jkunx intitolat li jaghmel hlief fil-kapacità tieghu ta' eredi. Il-gurisprudenza hi fis-sens li l-att irid ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredità (ara Vol. XLVI.1.214).*

*.... Kif jghid il-Baudry – Lacantinerie ("Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile", "Delle Succesioni", Vol III para. 1114), "per sapere se un atto implichi immistione, cioé, accettazione tacita,* ***si deve considerare di preferenza la veste in cui il successibile credette di compierlo, anziché quella con cui egli in realta' lo ha compuito****." (enfasi mizjuda minn din il-Qorti)*

Inoltre jinsab ukoll akkolt illi : *"nel dubbio, quando si tratta di questioni relative ad una accettazione di eredità, si deve decidere per la dichiarazione di non essere stata accettata l'eredità" ("****Teresa Mangion et –vs- Paolo Deguara****", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 1884 riportata a Vol X pagna 596)".*

Fid-dawl tal-provi u tal-imsemmija gurisprudenza, ghalhekk, il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u tqis li r-rinunzja maghmula mill-atturi, fil-5 ta' Gunju, 2003 fis-Sekond Awla tal-Qorti Civili, tiswa.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' legat ta' hwejjeg haddiehor il-Qorti tikkunsidra illi l-artikolu 696(1) tal-Kodici Civili jipprovdi:

> "**696. (1)** *Il-legat tal-haga ta' haddiehor ma jiswiex, hlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor u mhux tieghu; f'dan il-kaz il-werriet jista' jaghzel jew li jakkwista l-haga mhollija b'legat sabiex ighaddiha lill-legatarju, jew li jhallas lil-legatarju l-valur gust taghha."*

Mit-testment ta' Carmela Buttigieg jirrizulta, in kwantu ghall-prelegat li halliet lil bintha Maria Lia kemm fil-kaz tal-immobbli, kif ukoll fil-kaz tal-mobbli, it-testatrici tiddikjara li l-oggett imholli bhala prelegat mhux kollha huma proprjetà taghha. Fil-fatt fil-mori tal-proceduri il-partijiet iddikjaraw illi jaqblu li l-propjeta kollha mertu ta' din id-divizjoni tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Angelo u Carmela Buttigieg. Ladarba l-proprjetà imhollija bi prelegat jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti già ezistenti bejnha u bejn zewgha li kien lahaq miet qabel, it-testatrici tordna li Maria Lia jkollha d-dritt ta' uzu u abitazzjoni fl-imsemmija dar u garaxx. Jigifieri jsegwi li t-testatrici kienet qeghda tiddisponi wkoll minn sehem zewgha, billi ddikjarat li l-oggetti tal-prelegat ma kenux jappartjenu lilha fl-intier taghhom. Din id-dicitura tat-testment tirrifletti dak li jiddisponi l-Artikolu 698 tal-Kodici Civili li jipprovdi:

> "**698.** *Jekk it-testatur ikollu bicca mill-haga mhollija b`legat, jew jedd fuq dik il-haga, il-legat jiswa biss ghal dik il-bicca jew ghal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga ma kenitx tieghu kollha."*

Peress li t-testatrici ddikjarat b'mod car li kienet taf li l-prelegat imholli minnha ma jappartjenix lilha fis-shih peress li nofsu biss kien jappartjeni lilha, ghalhekk bhala legat ta' haga ta' haddiehor jiswa. Madanakollu jigi ribadit li huwa nkontestat bejn il-partijiet fil-kawza li l-assi kollha tal-komunjoni kienu jappartjenu liz-zewg genituri f'ismha ugwali. Dan ifisser li s-sehem tar-ragel kien digà ghadda ghand il-werrieta tieghu

hekk kif dispost minnu fit-testment unica charta jigifieri n-nofs tar-ragel ma kienx jappartjeni lit-testatrici apparti l-uzufrutt tal-assi ereditarji kollha taghhom. B'hekk huwa ritenut li s-sehem ta' Angelo Buttigieg ghal dak li jirrigwarda l-proprjetà "Lorna", Triq Salvu Astarita, Zabbar, kif ukoll il-Garage fl-istess triq, fi kwota ta' sehem minn tmienja kien lahaq gie devolut fuq l-erba' uliedhom u cioé l-atturi u l-konvenuta Maria Lia. Ghalhekk ghandu logikament isegwi li l-konvenuta Maria Lia ghandha tikkumpensa lill-hutha ghas-sehem tal-missier li kien lahaq ghadda fuqhom. B'hekk l-eredi jkollhom ghazla quddiemhom, liema ghazla ggib maghha obbligazzjonijiet - jew jiddeciedu li jakkwistaw il-legat mholli lill-legatarju jew li jhallsu l-valur gust tal-haga mhollija b'legat.

Issir referenza ghal sentenza ohra ta' din il-Qorti, diversament preseduta senjatament dik tal-10 ta' Jannar 2012 fl-ismijiet: **Emanuel sive Noel Bugeja et v. Carmelo sive Lino Bugeja et**, fejn kien ritenut illi:

> *"Ghalkemm it-testatur mexa mal-Art. 696 tal-Kap. 16 ghal dak li jirrigwarda l-validità tad-disposizzjoni, l-istess disposizzjoni però titfa' fuq l-eredi obbligazzjonijiet jekk kemm-il darba huma jiddeciedu li jakkwistaw il-legat imholli lill-legatarju....*
> *Wara li qieset il-provi akkwiziti, din il-Qorti tghid illi l-atturi ma ghamlu l-ebda dikjarazzjoni, kif jirrikjedi l-Art. 696(1) tal-Kap. 16, illi huma kienu lesti li jikkumpensaw lill-konvenut tal-legat ta' uzu u ta' abitazzjoni, u ta` sehemu (indaqs bhall-hames hutu l-ohra) mill-kwart indiviz tal-fond in kwistjoni li ddevolvew favur tieghu skond it-testment ta' Maria Concetta Bugeja tat-28 ta' Gunju 1986. Ghalkemm l-atturi accettaw il-wirt tal-genituri taghhom, qeghdin jirrifjutaw li jaghtu lill-konvenut dak li lilu jispetta mill-wirt tal-omm kontra dak li jipprevedi l-Art.732 tal-Kap.16. Sabiex l-Art. 696(1) isib applikazzjoni fl-interezza tieghu, l-atturi kienu fl-obbligu, ladarba ghazlu li jakkwistaw ghalihom il-legat tal-fond in kwistjoni, li jaghtu valur gust lil dak li l-konvenut kien kiseb fir-rigward tal-istess fond mill-wirt tal-omm. Mhux biss dan ma jirrizultax illi sar izda l-atturi kjarament qeghdin jeskludu b`mod assolut illi ghandhom jaghmlu dan."*

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u taghmlu taghha. Madankollu ghalkemm il-konvenuta Maria Lia ma xehedetx fil-kawza odjerna f'dan ir-rigward, u ma jirrizultax li hija accettat l-eredità espressament, hija tinsab imharrka f'din il-kawza bhala l-unika eredi, wara li hutha rrinunzjaw ghall-wirt ta' l-omm, liema dikjarazzjoni ta' l-atturi ma gietx opposta da parti taghha.

<u>Legatarji</u>

Il-konvenuti Spiridione, Kevin, Mariella, Simon u Mary Grace ahwa Lia huma legatarji ta' nofs in nuda proprjetà tal-fond 84 Triq San Guseppe, Sqaq 2, Zabbar. Bhala legatarji, t-talbiet fil-kawza ma jistghu qatt jigu diretti lilhom hlief ghal dak li jirrigwarda r-raba' talba. Ghalhekk, in vista tal-likwidazzjoni tal-komunjoni u divizjoni ta' l-assi, il-Qorti tqis li dawn ghandhom jibqghu parti fil-kawza, sabiex ikunu jistghu jigu inkluzi fl-ezercizzju u jkunu jistghu jithallsu dak li hu dovut permezz tal-legat mholli lilhom, kif ser jigi spjegat ahjar aktar 'il quddiem.

In kwantu ghall-principji relatati ma' hlas tal-legittima, issir referenza ghall-principji enuncjati fis-sentenzatat-28 ta' Mejju, 2010, fl-ismijiet **L-avukat Chris Said noe v. Mary Abela pro et noe,** hekk kif riprodotta mill-Qorti ta' l-Appell:

"i. *"Illi d-dritt assolut tad-disposizzjoni tal-proprjetà huwa limitat mill-fakoltà ta' xi disposizzjoni b'titolu gratuwitu, meta d-disponenti jkun halla superstiti certi parenti. F'dana s-sens il-kapacità tal-bniedem li jiddisponi b'testment mhix illimitata, l-ghaliex id-decujus ma jistax jiddisponi qabel ma jkun gie nieqes mill-beni tieghu kollha, izda minn parti minnhom biss. Fi kliem iehor, apparti l-limitazzjoni dwar certi persuni, il-kapacità u l-fakoltà tad-disposizzjoni per mezz ta' attijiet ta' l-ahhar volontà hija wkoll limitata ghall-kwantità tal-beni. Dina l-kwantità tiddependi minn kemm mill-likwidazzjoni tal-patrimonju ghandu matematikament jikkomponi sew il-parti disponibbli……"* (**Maria Wismayer et vs Ruggiero Wismayer et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju 1950 – Vol. XXXIV.ii.574).

"ii. *"il-legittima hija sehem mill-beni tal-mejjet"* (Artikolu 615 tal-Kodici Civili); *"Il-legittimarju ma hux eredi; imma lanqas huwa kreditur ta' l-eredità; huwa biss ghandu porzjoni mill-beni li halla d-decujus li hija rizervata lilu mil-ligi"* (**Carmela Farrugia noe. et vs Concetta Mintoff et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Gunju 1949 – Vol. XXXIII.472);

"iii. Il-legittima hi dovuta ***in natura*** (**Vol. XXVII P I p 451; Vol. XXXVIII P II p 551**), *"in piena proprieta` senza alcun peso od altra condizione"* (**Vol. XXII P II p 116**). Dan in kwantu l-kaz odjern ma jaqax taht l-emendi ntrodotti bl-Att XVIII tal-2004. Interessanti li fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppa Sammut vs Grazia Refalo et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Vol. XXXVIII.ii.551) fit-30 ta' Gunju 1954, il-Qorti osservat li gialadarba s-sehem dovut hu n-natura ma kellux jigi sodisfatt b'ammont likwidu sakemm ma jkunx hemm il-kunsens tal-interessati kollha. Il-Qorti kompliet tghid li *"….ladarba l-legittima hija dovuta in natura, u jidher li l-fond mhux divizibbli komodament u minghajr hsara, huwa gust li l-legittimarji jibbenefikaw mill-konkorrenza tal-barranin fil-bejgh ta' l-istess fond"*. Tant hu hekk li filwaqt li qalet li assenjat lill-legittimarju s-sehem spettanti lilu bhala legittima fil-proprjetà (1/12), ordnat il-bejgh bil-licitazzjoni tal-proprjetà bl-ammissjoni ta' offerti barranin;

"iv. Ghal finijiet ta' kalkolu tas-sehem rizervat, *"si calcola sull'intero patrimonio, compresavi ogni specie di largizione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e delle spese funerarie"* (**Vol. IX pagna 297**). Ghalhekk ghandha tigi kalkolata fuq il-patrimonju kollu li minnu jridu jitnaqqas id-dejn inkluz l-ispejjez tal-funeral tad-decujus. Fis-sentenza riportata fil-Volum XXXIII.i.4725 inghad: *"Ir-rigali li d-decujus jaghmel a favur ta' kwalunkwe persuna ghandhom jigu mdahhlin fir-rijunjoni tal-patrimonju tad-decujus biex tigi kalkulata l-legittima; u anki l-legati li d-decujus ikun ghamel favur xi persuni, anki jekk ikunu legati ta' benificenza"*;

"v. Gialadarba ghalhekk *"skond il-ligi taghna l-legittima hija biss kwota mill-beni li jhalli d-decujus, dan allura, kif gja inghad, jista' jiddisponi kif irid mill-beni tieghu, minghajr*

*distinzjoni ta' l-ispecie taghhom, imma biss bil-limitazzjoni tal-kwantità.* ***Jigifieri sakemm id-decujus ma jeccedix il-kwota disponibbli tal-beni tieghu u ma jilledix il-legittima, huwa jista' jaghmel li jrid bil-kwota disponibbli, u mhux obbligat ihalli lill-legittimarju determinata speci ta' beni'*** (**Maria Wismayer et vs Ruggiero Wismayer et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju, 1950 - **Vol. XXXIV P II p 574**); *"Dan ifisser li l-legittimarju ma jistax jippretendi d-dritt li fil-legittima tieghu tigi mdahhla parti minn kwalunkwe wahda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus.* ***Konsegwentement, meta d-decujus ihalli xi legat jew jaghmel xi donazzjoni, il-legittimarju ma jistax jinjora dak il-legat u jitlob li parti mill-beni li jikkomponu dak il-legat tigi mdahhla fil-legittima u tigi assenjata lilu. Dak il-legat jew dik id-donazzjoni ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni biss ghall-fini tal-kalkolu tal-legittima*** *u jkun hemm lok ghar-riduzzjoni taghhom fil-kaz li din tigi leza."* – "**Joseph Vella –vs- Anthony Bezzina et**", Appell, 20 ta' Novembru 1986. Kif tajjeb gie osservat mill-Profs. V. Caruana Galizia: *"The law does not specify the kind of property which is to make up the legitim: it simply states that it is 'a portion of the property of the deceased'. On the other hand, the person to whom the legitim is due may not claim any portion of the property disposed of by the testator, either by donation or by will, unless he has thereby disposed of more than he is by law allowed"*. Fil-kawza **Avvocato Enrico Carlo Vassallo nomine vs Giuseppina Mallia ed altri** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Frar 1930 (Vol. XXVII.i.451) gie sottolinejat li *"la legittima è dovuta in natura, però il testatore ha il diritto di riservare per il legittimario una determinata specie di beni anzicché una quota di tutti i singoli suoi beni. Il testatore può perciò lasciare per testamento tutti I beni mobile o immobili sino alla concorrenza della disponibile, e riservare pel legittimario solo beni mobili o immobili"*.

"vi. Peress li s-sehem rizervat hi porzjon li d-decujus ma jistax jiddisponi minnha, it-testatur lanqas ma jista' jimponi xi piz jew xi kundizzjoni fuqha (Art. 620 tal-Kodici Civili)." – Dan artikolu u l-insenjament huwa meqjus ferm relevanti fil-kaz odjern, fil-kuntest tal-legat li halliet it-testatrici lil Maria Lia konsistenti

f'zewg proprjetajiet li ma kenux appartenenti lilha fis-shih u fl-istess waqt imponiet id-dritt ta' uzu u abitazzjoni fuq l-imsemmija proprjetajiet favur l-istess Maria Lia. Gialardarba l-atturi rrinunzjaw ghall-wirt u talbu li jinghataw il-legittima, huwa ritenut li din il-legittima ma tistax tigi mghobbija b'piz bhalma huwa d-dritt ta' uzu u abitazzjoni.

L-istess sentenza tkompli: "8. Ghal dak li hu kalkolu ta' legittima l-punt tat-tluq hu dak li jissejjah bhala **rijunjoni fittizzja**. Permezz ta' dan l-ezercizzju preliminari isir kalkolu tal-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu (*disposable portion*) u l-parti li ma setax jiddisponi minnha. Din mhi xejn ghajr likwidazzjoni tal-gid tat-testatur. B'dan il-mod ikun jista' jigi determinat jekk fir-realta' kienx hemm lezjoni tas-sehem rizervat... Però f'dan l-ezercizzju wiehed irid ukoll jikkunsidra legati li setghu thallew lil min ghandu d-dritt ghas-sehem rizervat (legittimarju) u dak li seta' rcieva minghand it-testatur *inter vivos* u li hu soggett ghall-kollazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk is-sehem rizervat thallsitx (artikolu 620 (4) tal-Kodici Civili (Kap. 16). Imbaghad fejn dak li ddispona minnu t-testatur jaqbez is-sehem disponibbli, irid isir l-ezercizzju maghruf bhala riduzzjoni skond id-disposizzjonijiet 650-653 tal-Kodici Civili (Kap. 16). Fejn it-testatur ma jkunx qabez dak is-sehem il-legati ma jintmissux;" - Dawn il-principji din il-Qorti taqbel pjenament maghhom u taghmilhom taghha u ser taddottahom fil-kalkoli taghha.

Dwar l-assi Immobiljari tal-Komunjoni tal-Akkwisti jirrizulta illi permezz ta' verbal datat 29 ta' Jannar, 2014, fl-atti ta' dawn il-proceduri li l-partijiet iddikjaraw illi jaqblu li l-proprjetà kollha mertu ta' din id-divizjoni tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Angelo u Carmela Buttigieg. Jirrizulta illi hemm hames proprjetajiet formanti l-eredita taz-zewg konjugi Buttigieg. In vista tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet rigward il-valuri li ghandhom jinghataw lill-imsemmija proprjetajiet immobilljari, din il-Qorti nkarigat bhala perit tekniku lill-perit Mario Cassar, li in adempiment tal-inkarigu moghti lilu, wara li zamm access fuq il-fondi mertu tal-kawza, pprezenta r-relazzjoni tieghu fit-13 ta' Ottubru, 2010 , bl-istima ta' kull fond kif isegwi:

(1) Numru **84A**, Sqaq Nru 2, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar, bil-valur ta' **€70,000**;

(2) Numru **84**, Sqaq Nru 2, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar, bil-valur ta' **€130,000**;

(3) Numru **84C**, Sqaq Nru 2, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar, bil-valur ta' **€90,000**;

(4) Il-fond "**Lorna House**" Triq Salvu Astarita, Haz-Zabbar, bil-valur ta' **€175,000**; u

(5) Il-fond "**Spiridione Garage**", Triq Salvu Astarita, Haz-Zabbar, bil-valur ta' **€105,000**.

Il-valur komplessiv tal-assi immobiljari tal-komunjoni gie stabbilit fl-ammont ta' **€570,000** (ara relazzjoni peritali a fol. 105 et seq tal-process).

Il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala m'ghandhiex tadotta l-imsemmija stimi li ghamel il-perit tekniku mahtur minnha, li kkunsidrat li huma ta' natura teknika huma meqjusa "giudizio dell'arte", li m'ghandhomx jigu skartati sakemm mhux kontrastati bi provi konkreti jew sottomissjonijiet li jinnewtralizzawhom bhal mhux attendibbli u kredibbli. (Ara fir-rigward sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Dicembru, 2002, fl-ismijiet **Louis Gauci v. Angela Attard** u sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Mejju, 1998 fl-ismijiet **Philip Grima v. Carmelo Mamo et.**) Lanqas ma tressqu xi sottomissjonijiet li minhabba fihom din il-Qorti tkun gustifikata li tiddubita mill-istimi li ghamel il-perit tekniku.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ma jirrizultax illi l-proprjetajiet huma komodament divizibbli, u ghandhom ghalhekk jinbieghu in subbasta bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji kif mitlub fic-citazzjoni, sabiex imbaghad kull wiehed mill-kontendenti ikun jista' jiehu s-sehem dovut lilu.

Divizjoni ta' l-Eredità ta' Angelo Buttigieg

L-assi tal-eredità tieghu huma konsistenti fis-sehem ta' nofs il-proprjetajiet immobiljari hawn fuq elenkati formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghaldaqstant il-valur ta' sehem Angelo Buttigieg huwa nofs l-ammont tat-total indikat qabel, cioé **€285,000**.

L-assi ta' Angelo Buttigieg ghandhom jinqasmu kif gej:

Spiridione, Kevin, Mariella, Simon u Mary Grace ahwa Lia huma legatarji ta' nofs in-nuda proprjetà tal-fond Nru. 84, b'nofs l-uzufrutt tal-istess fond imholli lil ommhom Maria Lia. Angelo Buttigieg iddispona b'titolu ta' legat sehmu mill-proprjetà l-ohra kollha lill-erba' uliedu, li huma ukoll eredi tieghu.

- In kwantu ghal nofs appartenenti lil Angelo Buttigieg mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjetà bin-numru 84, Sqaq Nru 2, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar, dan ghandu jinqasam kif gej:

(i) 40% tar-rikavat mill-fond 84 ghandu jigi mghoddi lil Spiridione, Kevin, Mariella, Simon u Mary Grace ahwa Lia, sabiex jinqasam f'sehem indaqs bejniethom.

(ii) 10% mill-istess rikavat ghandu jigi mghoddi lil Maria Lia, in rapprezentenza ta' l-uzufrutt imholli lilha minn missierha permezz tat-testment unica charta.

- In kwantu ghal nofs appartenenti lil Angelo Buttigieg mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjetà bin-numru 84A, Sqaq Nru 2, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar, u 84C, Sqaq Nru 2, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar dan ghandu jinqasam kif gej:

Peress li d-decuius kellu nofs indiviz minn dawn il-proprjetajiet u halla b'legat l-imsemmija proprjetajiet lill-erba' ulied, allura mir-rikavat tal-bejgh ta' dawn iz-zewg proprjetajiet ghandu jithallas in kwantu ghal sehem minn-tmienja (1/8) lil kull wiehed mill-erbat ahwa sabiex b'hekk is-sehem tal-missier fuq dawn il-proprjetajiet jinqasam ugwalment bejn Grace

Debattista, Lorenza Bartolo, Tereza Frendo u Maria Lia f'sehem indaqs bejniethom.

- In kwantu z-zewg proprjetajiet li minnhom kellu nofs indiviz Angelo Buttigieg u senjatament il-fond "Lorna House" Triq Salvu Astarita, Haz-Zabbar, u l-fond "Spiridione Garage", Triq Salvu Astarita, Haz-Zabbar, ghall-valur totali ta' €280,000.

Peress illi dawn thallew bhala *legato di cosa altrui* minn martu Carmela Buttigieg, izda sehem il-missier kien lahaq ghadda b'legat ghand l-erba' ahwa, l-atturi jridu jigu kkumpensati sehem minn tmienja (1/8) kull wiehed minn Maria Lia, jekk kemm-il darba hija taghzel li zzomm l-legat imholli lilha mill-omm, trid tikkumpensa lill-atturi s-somma ta' €35,000 kull wiehed tal-legat imholli lilhom mill-missier.

Divizjoni ta' l-Eredità ta' Carmela Buttigieg

Daqstant il-valur ta' sehem Carmela Buttigieg fuq l-immobbli hekk kif elenkati qabel, huwa nofs il-valur totali cioe €285,000. Jirrizultaw ukoll zewg kontijiet bankarji f'isimha fl-ammont komplessiv ta' Lm1762.58 ekwivalenti ghal €4105.71;

Il-valur tal-wirt ta' Carmela Buttigieg jammonta ghalhekk ghas-somma ta' €289,105.71. Illi ladarba l-atturi rrinunzjaw ghall-wirt ta' l-omm, dwar din l-eredità jridu jigu applikati l-principji enuncjati qabel dwar il-legittima.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 615(2) tal-Kap. 16, peress li t-tfal kienu erbgha (4), il-legittima spettanti lill-ulied hija terz, li bejn erbat ahwa jinqasam fi kwota ta' 1/12 ghal kull wiehed minnhom.

M'hemmx dubju li t-testatrici ddisponiet minn sehem akbar minn dak li setghet tiddisponi minnu. Sabiex l-atturi jkunu jistghu jithallsu l-legittima, jew ahjar kif saret maghrufa wara l-emendi li dahlu fis-sehh fl-2004, is-sehem rizervat, ta' bilfors irid isir l-ezercizzju msemmi qabel.

Mehud in konsiderazzjoni li s-sehem li ghandhom l-atturi huwa wiehed minn tnax kull wiehed (1/12) bhala sehem mill-beni li jifformaw parti mill-assi ereditarji ta' l-omm Carmela Buhagiar, bla dubju, t-tnaqqis tal-legat ma jistax isir bla xkiel u bla hsara permezz tal-firda. Dan hu s-sehem lli trid tittiehed mill-proprjeta' legata ghall-finijiet ta' tnaqqis ta' legat. Però kif inghad qabel, il-ligi tirriserva l-jedd lill-legatarju li jhallas fi flus dak li jkollu jaghti lill-parti ntitolata li tircievi. Minn qari tal-provvediment tal-ligi, (artikolu 653 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-kaz ta' riduzzjoni ta' legati, il-legislatur ried li jhalli d-diskrezzjoni f'idejn il-legatarji ta' x'ghandu jsir u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti timponi l-hlas tal-flus ladarba l-ghazla ghandha tithalla f'idejn il-legatarja Maria Lia.

- In kwantu ghal nofs appartenenti lil Carmela Buttigieg mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta' bin-numru 84, Sqaq Nru 2, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar, l-atturi ghandhom jithallsu wiehed minn tnax kull wiehed (1/12) minnhom ossia globalment kwart (1/4) sehem indiviz min-nofs ir-rikavat tal-bejgh (li huwa s-sehem tal-omm).

- In kwantu ghal nofs appartenenti lil Carmela Buttigieg mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta' bin-numru 84A, Sqaq Nru 2, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar, u 84 C, Sqaq Nru 2, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar, l-atturi ghandhom jithallsu wiehed minn tnax kull wiehed (1/12) minnhom ossia globalment kwart (1/4) sehem indiviz min-nofs ir-rikavat tal-bejgh (li huwa s-sehem tal-omm).

- In kwantu il-fond "Lorna House" Triq Salvu Astarita, Haz-Zabbar, u l-fond "Spiridione Garage", Triq Salvu Astarita, Haz-Zabbar, dawn thallew bhala *legato di cosa altrui* minn Carmela Buttigieg favur bintha Maria Lia, bil-valur ta' €175,000 u €105,000 rispettivament li mehudin flimkien ghandhom valur ta' €280,000. Ghalhekk fil-kaz li l-imsemmija konvenuta taghzel illi zzomm dawn il-legati mhollija lilha hija trid taghti lil kull wiehed minn hutha valur ekwivalenti ghal sehem minn tnax (1/12) jigifieri

ammont ta' €23,333.33 lil kull wiehed mill-atturi, ossia globalment €70,000[1].

- In kwantu ghaz-zewg kontijiet bankarji f'isem Carmela Buttigieg, fl-ammont komplessiv ta' Lm1762.58 ekwivalenti ghal €4105.71, l-atturi ghandu wkoll imisshom sehem minn tnax (1/12) jigifieri s-somma ta' € 34.64[2] kull wiehed.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-atturi kif gej:

1. Tiddikjara li l-assi ereditarji tal-mejtin Angelo u Carmela Buttigieg jikkonsistu fis-segwenti proprjetà:

   (i) Numru 84A, Sqaq Nru 2, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar;

   (ii) Numru 84, Sqaq Nru 2, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar;

   (iii) Numru 84C,Sqaq Nru 2, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar;

   (iv) Il-fond "Lorna House" Triq Salvu Astarita, Haz-Zabbar; u

   (v) Il-fond "Spiridione Garage", Triq Salvu Astarita, Haz-Zabbar.

2. Tiddikjara li l-beni ta' Angelo u Carmel Buttigieg huma ta' nofs kull wiehed tal-proprjetà hawn fuq imsemmija.

3. Tiddikjara li l-atturi ghandhom jigu assenjati s-somma ta' flus mill-kont bankarju kif inghad qabel.

[1] B'digriet tal-Qorti tas-17 ta' Awwissu, 2016, il-Qorti laqghat it-talba u ordnat li l-ammont ghandu jaqra €35,000.00 u mhux €70,000.00.

[2] b'digriet tal-Qorti tas-17 ta' Awwissu, 2016, il-Qorti laqghat it-talba u ordnat li l-ammont ghandhu jaqra tlett mija, tnejn u erbghin Ewro u erbatax –il-centezmu €342.14 minflok €34.64.

4. Tiddikjara li l-proprjetajiet ghall-qasma mhumiex kommodament divizibbli u ghalhekk tordna li jinbieghu bis-subbasta l-proprjetajiet immobbli (i) sa (iii). Ghall-fini ta' valutazzjoni tal-immobbli dawn ghandhom jibdew bil-prezz skond l-istimi indikati f'din is-sentenza bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji u r-rikavat jinqasam kif gej:

(ii)Fil-kaz tal-proprjetà bin-Numru 84, Sqaq Nru 2, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar:

a) 40% tar-rikavat ghandu jigi mghoddi lil Spiridione, Kevin, Mariella, Simon u Mary Grace ahwa Lia, sabiex jinqasam f'ishma ugwali bejn il-hames ahwa.

b) 10% mill-istess rikavat ghandu jigi mghoddi lil Maria Lia.

c) Mir-rimanenti 50% tar-rikavat tal-fond l-atturi ghandhom jithallsu wiehed minn tnax kull wiehed (1/12) minnhom ossia globalment kwart (1/4) sehem indiviz min-nofs ir-rikavat tal-bejgh (rapprezentanti l-legittima fuq il-wirt tal-omm).

(i) u (iii) Fil-kaz tal-proprjetà bin-numru 84A, Sqaq Nru 2, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar, u 84C, Sqaq Nru 2, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar dan ghandu jinqasam kif gej:

(a) 50% mir-rikavat tal-bejgh ta' dawn iz-zewg proprjetajiet ghandu jithallas in kwantu ghal sehem minn-tmienja lil kull wiehed mill-erbat ahwa sabiex b'hekk is-sehem tal-missier fuq dawn il-proprjetajiet jinqasam ugwalment bejn Grace Debattista, Lorenza Bartolo, Tereza Frendo u Maria Lia f'sehem indaqs bejniethom.

(b) Mir-rimanenti 50% tar-rikavat tal-bejgh ta' dawn iz-zewg fondi, l-atturi ghandhom jithallsu wiehed minn tnax kull wiehed (1/12) minnhom ossia globalment

kwart (1/4) sehem indiviz min-nofs ir-rikavat tal-bejgh (rapprezentanti l-legittima fuq il-wirt tal-omm).

5. Tiddikjara in kwantu il-fond (iv) "Lorna House" Triq Salvu Astarita, Haz-Zabbar, u l-fond u (v) "Spiridione Garage", Triq Salvu Astarita, Haz-Zabbar, fil-kaz li Maria Lia taghzel illi zzomm dawn il-legati mhollija lilha:

   (a) l-atturi jridu jigu kkumpensati sehem minn tmienja (1/8) kull wiehed ossia s-somma ta' €35,000 kull wiehed tal-legat imholli lilhom mill-missier;

   (b) hija trid taghti lil kull wiehed mill-atturi, valur ekwivalenti ghal sehem minn tnax (1/12) jigifieri ammont ta' €23,333.33 lil kull wiehed mill-atturi, ossia globalment €70,000 (rapprezentanti l-legittima mill-wirt ta' l-omm).

6. Ghal fini tal-pubblikazzjoni tal-att relattiv, tinnomina lin-Nutar Sean Critien u lil Dr. Josette Grech ghall-eventwali kontumaci, liema att ghandu jigi ppublikat nhar l-Erbgha hmistax (15) ta' Gunju, 2016 fil-11.00am fil-bini tal-Qorti, jew f'data ohra li tista' tordna l-Qorti wara li ssir talba f'dan is-sens permezz ta' rikors, b'dan li sa dakinhar u b'applikazzjoni ta' dak li jiddisponi l-artikolu 653 (2) tal-Kodici Civili, il-konvenuta Maria Lia jkollha d-dritt li thallas fi flus dak li hu dovut lill-atturi, liema ammont ghandu jigi kalkolat kif inghad hawn fuq, fil-paragrafu precedenti.

L-ispejjez tal-kawza jinqasmu kwantu ghal nofs minn Maria Lia u nofs l-iehor jinqasam terz kull wiehed minn Grace Debattista, Lorenza Bartolo u Tereza Frendo.

IMHALLEF

DEP/REG